Vjolenza kontra l-privat – Kap. 9 Art 251 (3) – Pussess ta' armi tan-nar waqt l-għemil ta' xi reat – Kap. 480, Art 55(a) – Il-ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kap. 480 mingħajr ma liċenzja – Kap. 480, Art. 5(1) – Uzu ta' arma tan-nar f'distanza ta' inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra – L.S. 549.42, Art. 18 (2)(a)

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

24 ta' April 2020
Seduta urgenti

**Il-Pulizija**
(Spettur Joanna Piscopo)

***vs***

**Anthony Fenech**
(K.I. Nru. 557575m)

**Il-Qorti,**

1. Rat li Anthony Fenech ta' 44 sena iben Michael u Marie Assunta nee' Abdilla mwieleda Pieta' nhar l-09/10/1975 u residenti 89, Greenhouse, Triq San Guzepp, Zabbar u detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 557575m tressaq taht arrest quddiemha (bhala Qorti Istruttorja) illum wara li aktar kmieni kienet ordnat l-ftuh urgenti tal-Qorti abbazi tal-Avvizi Legali 61 u 65 tal-2020, kif emendati, u gie akkuzat bis-segwenti akkuzi:

1. *"Talli nhar l-23 ta' April, 2020 ghal habta tal- 11:25hrs u fil- minuti ta' qabel gewwa Haz Zabbar u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer bl-imġieba tieghu ikkaġuna lil Carmelo Falzon, biża' li se tintuża vjolenza kontrih u kontra familjari tieghu jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tieghu se jikkaġuna lil Carmelo Falzon;*

2. *Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, kellu fil pussess tieghu, ghal liema ghan ikun, armi regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;*

3. *Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu arma tan-nar jew munizzjon minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;*

4. *Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, spara arma tan-nar meta kien anqas minn mitejn (200) metru minn xi belt jew rahal"*

2. Rat li l-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex:

1. *"Tohrog ordni ta protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Anthony Fenech a beneficju ta Carmelo Falzon u familjari tieghu u dan fit- termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta".*

2. *"F'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Carmelo Falzon u familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Anthony Fenech b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq".*

3. "*tohrog ordni ta' konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur u dan fit-termini tal-Artikolu 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta Malta*".

4. *"F'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill- Liġi, tordna lill-imsemmi Anthony Fenech sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta."*

3. Rat id-dokumenti esebiti.

4. Rat li wara li nqraw b'mod car u sew lill-imputat l-akkuzi migjuba kontra tieghu, wara li sar l-ezami tieghu ai termini tal-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li l-Qorti saqsiet lill-akkużat jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq dawn l-akkużi, huwa ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

5. Rat illi wara li ai termini tal-Art. 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti wissiet b'mod l-aktar solenni lill-imputat fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara li tatu zmien biex jerga' lura minnha, dan ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Rat illi r-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat huma suggetti ghal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena prigunerija u ghaldaqstant ai termini tal-Art. 392A(2) tal-Kap. 9, l-ammissjoni tal-istess imputat giet registrata fl-atti u l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali giet *ex lege* vestita bil-kompetenza biex taghti lill-imputat dik is-sentenza idoneja skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**

7. Illi ma' hemmx raguni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhuwiex hati tar-reati addebitati lilu. L-akkuzi ghalhekk huma sodisfacjentement ippruvati.

8. Illi dwar il-piena, kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll l-avukat tad-difiza waslu ghal patteggjament informali quddiem il-Qorti fejn giet mitluba sentenza sospiza in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat u tal-fedina penali netta tieghu. Minkejja li l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dan il-patteggjament anke minhabba l-informalita' tieghu (cioe' mhuwiex regolat taht l-Art. 392A(5) tal-Kap. 9) u tista' filfatt teroga piena differenti minn dak informalment miftiehem quddiemha, madanakollu hija prassi komuni quddiem din il-Qorti, illi mhux ta' min jinjoraha, illi sabiex jithaffew il-proceduri, id-difiza u l-prosekuzzjoni jistghu'

jiddikjaraw quddiem il-Qorti li huma qed jaqblu fuq piena partikulari, liema piena imbaghad tkun ghad-diskrezzjoni tal-Qorti jekk ghandiex tinghata jew le.

**Decide**

9. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Artikoli 14(2), 28A, 28B, 251(3), 383, 412C, 533 tal-Kap. 9, Artikoli 5(1), 55(a), 56 tal-Kap 480, Art. 18 (2)(a) tal-L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta) issib lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u:**

    1. **Tikkundannah ghal sena prigunerija liema sentenza pero bl-applikazzjoni tal-Art. 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

    2. **Tikkundannah ihallas multa ta' elf u disa' mitt euro (€1,900) liema multa bl-applikazzjoni tal-Art. 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas ratealment fuq medda ta' sitta u tletin (36) xahar permezz ta' pagamenti mensili ta' tnejn u hamsin euro il-wiehed (€52) bl-ahhar pagament mensili ikun dak ta' tmenin euro (€80), b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor**

10. **Inoltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi u familjari taghhom il-Qorti qeghda tohrog Ordni ta' Protezzjoni a beneficcju tal-persuni indikati fid-digriet anness ma' din is-sentenza taht il-kundizzjonijiet elenkati f'tali ordni. Il-Qorti fissret fi kliem semplici lill-hati l-konsegwenzi f'kaz illi jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni msemmija.**

11. **Inoltre bl-applikazzjoni tal-Art. 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska tal-arma tan-nar tat-tip Shotgun ghamla P**

**Beretta numru V01286E u l-munizzjon konsistenti fi tlett (3) skratac (indikati fid-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni li gew mmarkati bhala Dok C u Dok D).**

12. **Peress illi ma' gew mahtura ebda esperti l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-hati jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Yesenia Maria Pace**
**Deputat Registratur**